**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 24 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 966/02 AE**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Jiuda Taddeo Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm45.76) dovuta in kwantu ghal Lm39.78 hlas ta' Royalty u Lm5.98 Taxxa fuq il-Valur Mizju fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 1 ta' Jannar 2002 in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011652 rilaxxjata

mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigward l-istabbiliment Big Foot Bar Restaurant, San Pawl il-Bahar ghall-perjodu mis-6 ta' Novembru 2001 sal-5 ta' Novembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm45.76), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**